MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2012

Numru. 654/2012

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca)
vs
Salah Addin Hassan Dulla, iben Hassan, imwieled is-Sudan fl-1 ta’ Jannar, 1980, numru tal-pulizija 05Z-021

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fil-25 ta’ Diċembru, 2009 għal ħabta tas-1.00 a.m., ġewwa Pceville, fil-limiti ta’ San Ġiljan, ikkometta serq ta’ mobile phone tal-marka Sagem MY800X, liema serq hu aggravate bil-ħin u li sar għad-dannu ta’ Aaron Luke Falzon;
2. talli fil-25 ta’ Diċembru, 2009 u/jew fil-jiem u/jew ġimgħat u/jew xhur ta’ wara, f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ, cioe’ mobile phone tal-marka Sagem MY800X, li kien misruq, meħud b’qerq, jew

akkwistat b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħu jew imexxih;
3. talli fid-29 ta' Mejju, 2010, għal ħabta tan-12.30 p.m., waqt li kien qed jiġi mizmum ġewwa ċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal-Safi ħarab mill-istess post ta' kustodja;
4. talli rrenda ruħu reċidiv, skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, permezz ta' sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu fil-25 ta' Jannar, 2010 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Ġunju, 2012 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-mobile phone ġie ritornat lil sidu u li l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 49, 50, 151 u 334(a) tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni bikrija u il-fatt li r-refurtiva ġiet ritornata u tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------